**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni 130/2016**

**Illum 4 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Omissis** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 6077 (M) billi hija akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'Settembru 2015 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet dfferenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. B'mezz kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gielghet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor. U dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falzminn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawl l-atti jew skritturi kellhom ikollom fihom jew kellhom jippruvaw. U dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli sabiex kisbet xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifsha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll talli ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni b'firem foloz fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib atti, u aktar talli xjentement ghamilt uzu minnha dan bi ksur tal- artikolu 187(1) u 187(2) rispettivament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 143*) datata 19 ta' Gunju 2017 li permezz taghha baghat lill-imputata Omissis biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 187(1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 188(1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju 2017 (*a fol. 143)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Gunju 2017 , u f'liema

seduta l-imputata ddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tal-*parte civile* pprezenta fit-2 ta' Awwissu 2018 (*a fol.* 193 *et seq.*) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputata prezentata fl-14 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 201 *et seq.*)

**Piki bla bzonn**

Qabel xejn din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-partijiet sabiex minkejja li z-zwieg taghhom ma rnexxiex huma ma jhallux dan il-fatt ifixkilhom fit-trobbija tal-wild li ghandhom. Fejn jidhol dan il-wild, li zgur ma ghandu htija ta' xejn ghal dak li gara bejn il-partijiet, l-piki ghandhom jitwarrbu ghal kollox.

Din il-Qorti fil-fatt jirrizultalha dak kollu li wassal ghal dan il-kaz huwa rizultat ta' pika zejda; pika immatura li ma tixraq lil ebda' genitur.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tlettax (13) -il xhud kif gej:

WPS 254 Janice Giordimaina (*a fol* 17 et. seq.); Spettur Edel Mary Camilleri (*a fol* 22 et. seq.); Alexander Frendo (*a fol* 28 et. seq.); Francis

Mazzitelli (*a fol* 31 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 57 et. seq.); Dr David Camilleri (*a fol* 59 et. seq.); Spettur Edel Mary Camilleri (*a fol* 61 et. seq.); Omissis (*a fol* 66 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 80 et. seq.); Francis Mazzitelli (*a fol* 124 et. seq.); Omissis (*a fol* 151 et. seq.); Deborah Fenech (*a fol* 184 et. seq.); Peter Farrugia (*a fol* 189 et. seq.);

**Fatti tal-Kaz**

Il-fatti ta' dan il-kaz ghandhom bhala retroxxena l-isfortuna ta' separazzjoni akrimonjuza bejn l-imputata u l-*parte civile*. Il-kaz jirrigwarda zewg dokumenti fejn il-firma ta' Omissis giet falsifikata minn martu. Dan il-fatt ma huwiex kontestat in kwantu gie ammess minnha fl-istqarrija li tat lill-Pulizija Ezekuttiva u fix-xiehda taghha quddiem din l-Qorti. Dan il-fatt gie konfermat xjentifikament mill-espert tal-Qorti Joseph Mallia. Id-difiza tikkontendi li l-falsifikazzjonijiet saru bil-kunsens ta' Omissis. Din l-asserzjoni hija michuda minn Omissis.

L-ewwel dokument meritu tal-kaz huwa *Post-Placement Report* intiz ghall-Appogg biex jintbaghat fil-pajjiz minn fejn giet adottata t-tifla tal-partijiet (*a fol.* 30). Dan id-dokument jirrikjedi l-firma taz-zewg genituri. Hawnhekk l-imputata ffalsifikat il-firma ta' Omissis. Dan id-dokument jigi sostitwit b'wiehed identiku izda bil-firma proprja tieghu.

It-tieni dokument meritu tal-kaz hija ittra datata 14 ta' Novembru, 2015 (*a fol.* 33 *et. seq.*) miktuba u ffirmata mill-imputata b'firma falsifikata.

Din l-ittra hija miktuba lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u titlob li flus dovuti lill-imputata u lil Omissis jinqasmu f'zewg partijiet ugwali. Id-dicitura ta' l-ittra turi li l-ittra inkitbet mill-imputata ghan-nom taghha u l-firma ffalsifikata ghandha l-intenzjoni li tindika li Omissis qieghed jaghti l-kunsens tieghu dwar il modalità ta' hlas mitlub mill-imputata.

**Ix-xhieda u dokumentazzjoni tal-kaz**

**WPS 254 Janice Giordemaina** (fol. 17) xhud tal-istqarrijiet li eżebiethom (fol. 19 u fol. 20 et seq).

**L-Ispettur Edel Mary Camilleri** (fol. 22) li qalet li kienet irċeviet kwerela mingħand Omissis tramite l-Avukat tiegħu fejn ġie allegat li l-imputata kienet iffirmat f'isem il-parte civile fuq żewġ dokumenti separati - wieħed li kien indirizzat lill-Aġenzija Appogg u ieħor lill-Kummissarju għat-Taxxi Interni. Hija eżebiet l-kwerela relattiva (fol. 26), liema kwerela tirrigwarda biss l-kwistjoni tar-rapport li kellu jintbagħat mill-koppja Omissis lill-Appoġġ. Hija esebiet ukoll kopja tad-dikjarazzjoni magħmula mill-parte civile quddiemha (fol. 63 et seq).

**Alexander Frendo** (fol. 28), rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni esebixxa l-oriġinal tal-ittra bir-referenza IRS 2015/0972 u bir-referenza IV 2014/11408 (fol. 30).

**Frances Mazzitelli** (fol. 31), impjegata mal-Appogg qalet li hija kienet għamlet il-*home study report* tal-konjugi Omissis meta dawn addottaw il-minuri Rhea. Hija baqgħet issegwihom kull sena għax jibgħatu l-*post*

*adoption report*. Hija eżebiet żewġ kopji ta' rapporti, t-tnejn datati 20 ta' Settembru, 2015 u li ġew immarkati rispettivament bħala Dok. FM1 (fol. 33 et seq) u Dok. FM2 (fol. 37 et seq). Filwaqt li l-oriġinal tad-Dok. FM1 intbagħat il-Kambodja, l-oriġinal tad-Dok. FM2 ingħata lura lill-imputata. Hija qalet li r-rikjesta għal dan id-dokument issir mill-pajjiż min fejn tkun ġiet addottata l-minuri, f'dan il-każ il-Kambodja.

**Dr David Camilleri** ikkonferma ż-żewġ ittri li kien kiteb lil Ispettur inkarigat datati 30 ta' Novembru, 2015 (fol. 26) u 11 ta' Jannar 2016 (fol. 25) għan-nom ta' Omissis.

**Omissis** qal li fil-bidu ta' Ottubru, 2015 kien hemm ħabiba tiegħu u ta' martu l-akkużata u qaltlu sabiex joqgħod attent l-għaliex skont din il-persuna, martu l-imputata *"... ħa tagħmel minn kollox biex teħodlok it-tifla"* (fol. 66). Din il-ħabiba jisimha Deborah Fenech (fol. 71). Qal li f'Ottubru ta' kull sena jimlew ir-rapport tac-Child Adoption biex jibgħatuh il-Cambodia. Huwa kellem lil Frances Mazzitelli u din qaltlu li kienet bagħtet dan ir-rapport lill-imputata u kienet qed tistenna li jintbagħtilha lura. Dan ir-rapport jeħtieġ, fost affarijiet oħra, li jiġi ffirmat miż-żewġ ġenituri. Frances Mazzitelli infurmat lill-parte civile li hija kienet irċeviet dan ir-rapport u hu qalilha li ma kienx iffirmah u meta mar biex jarah b'għajnejh, sab li dan kien ġie ffirmat f'ismu. Din Frances Mazzitelli tagħtu kopja ta' dan ir-rapport u mar bih għand l-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien Dr David Camilleri li għamillu rapport dwaru lill-pulizija.

Sussegwentement, f'Diċembru, 2015 huwa irċieva *acknowledgement letter* mill-Inland Revenue Department fejn infurmah li kienu rċevew l-ittra

tiegħu. Huwa ċempel lil Inland Revenue Department u fis-6 ta' Jannar, 2016 mar fid-Dipartiment u hemm urewh l-ittra li kienu rċevew li kienet qegħda tgħid sabiex id-Dipartiment jibgħat l-ammont dovut bħala rifużjoni permezz ta' żewg cekkijiet.

Meta ġie mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk huwa kienx qatt ta' l-kunsens tiegħu lill-martu l-imputata biex tiffirma floku, huwa qal "qatt" (fol. 68) u "*kull meta Omissis qaltli li għandha xi karta biex niffirmawha dejjem iffirmajtha bla problemi ta' xejn*" (fol. 68). Huwa ġie muri d-dokument li hemm eżebit a fol. 30 tal-proċess u qal li l-firma fuq dak id-dokument ma kienitx tiegħu. Mistoqsi dwar id-dokument immarkat bħala DM 1 (fol. 73) huwa qal li dan id-dokument kien sabu d-dar matrimonjali.

**L-imputata Omissis** qalet li min mindu kienu ġabu t-tifla hawn Malta, "*... dejjem kien jgħidli f'idejk imlieh inti u kien jgħidli hu ħsieb inti iffirmah inti u f'daqqa waħda għax bdejna s-separazzjoni li dan kif nista nurikom mir-rapporti kollha ta' qabel ma nbidel xejn*" (fol. 151). Qalet ukoll li "*... Omissis kien jgħidli hu ħsieb inti u kien jgħidli ffirmah inti u rranga kollox inti, jiena kont nagħmel dan nagħtih lis-Social Worker u tibgħatu*" (fol. 152). Qalet li bejn l-2011 u l-2014 kienet hi li dejjem imliet u ffirmat ir-rapport u li sa dak inhar, żewġha l-parte civile ma kien oggezzjona qatt. Kien biss wara li nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni li beda joggezzjona. Wara kollox, il-kontenut tar-rapporti dejjem baqa' l-istess salv għal milestones li t-tifla tkun leħqet għamlet bejn sena u oħra per eżempju bħal eta tagħha u l-iskola fejn tkun qed tattendi.

Għar-rigward tal-ittra li kienet intbagħtet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-imputata qalet li hi u żewġha kienu xtraw dar fl-2013 u wara li

kienet qrat il-kuntratt, irrejalizżat li kienet tħallset aktar taxxa milli suppost. Qalet li l-ammont ta' taxxa żejda kienet id-differenza bejn €17,500 (kemm ħallsu) u €15,250 (kemm suppost ħallsu). Għalhekk id-differenza ta' €2,250 kellha suppost tiġi rifuża lilhom lura. Qalet li "*in the meantime sakemm din it-taxxa qed tinħadem ilħaqna bdejna s-separazzjoni u at one point bgħattilhom ittra jiena fejn ngħidilhom li in the meantime aħna bdejna s-separazzjoni u nixtieq illi ċ-ċekk jiġi maqsum ugwalment bejn it-tnejn fejn il-parti tiegħu toħroġlu ċekk u l-parti tiegħi toħroġ fuq ċekk ieħor, fejn hawnhekk għandi l-kopja kemm tat-taxxa kemm ħallasna u kemm il-parti tiegħi taċ-ċekk kemm irċevejt*" (fol. 154).

L-imputata dejjem baqgħet isostni li hija kellha l-kunsens ta' żewġha biex tiffirma għan-nom tiegħu anke in kontro-eżami u dan kif kienet tagħmel anke fis-snin ta' qabel ma kienu bdew il-problemi matrimonjali tagħhom. Il-pożizzjoni tal-parte civile tbiddlet wara li kienu bdew il-problemi matrimonjali. Mistoqsija in kontro-eżami x'kienet ir-raġuni l-għala lid-Dipartiment tat-Taxxi bagħtet ittra fuq isem żewġha flok fuq isimha, l-imputata qalet li kienet għamlet hekk l-għaliex it-taxxa dejjem toħroġ fuq isem ir-raġel u peress li din il-kwistjoni kienet bdiet qabel ma huma kienu bdew il-proċeduri tas-separazzjoni, hija riedet tibqa tuża l-istess format ta' kif kienet tagħmel qabel u ċioe tikteb għan-nom ta' żewġha u tiffirma għalih.

L-imputata ukoll ikkonfermat li l-firem li kien hemm fuq id-dokumenti tal-Appoġġ u li hija ppreżentat waqt id-deposizzjoni tagħha kienu kollha ġew iffirmati minnha, anke l-firma ta' żewġha.

**Deborah Fenech** qalet li d-diskors li l-parte civile kien qal dwarha kien proprju diskors li l-istess parte civile kien qallha. Hija innegat li hi kienet qalet xi diskors lill-parte civile fis-sens li l-imputata kienet qiegħda tagħmel min kollox sabiex tieħu lit-tifla mingħand il-parte civile. Qalet li l-parte civile, meta kien mar għandha biex jerġa joħdilha l-qisien tal-kamra tas-sodda kien qalilha li *"jiena lil Omissis ħa nagħmel minn kollox biex inkissirha, nneħħilha l-ħbieb kollha u noħdilha t-tifla akkost ta' kollox. U jien għidtlu: ċert minn dan? Għidlu* (recte: Għidtlu) *: it-tifla għandha bżonn omm u missier"* (fol. 185). Ix-xhud għandha ukoll tifla addottata mill-Kambodja u allura kienet taf sew il-proċedura li kellha tiġi addottata mill-partijiet l-għaliex anke hi kienet tagħmilha. Ix-xhud semmiet okkażżjoni fejn kienet preżenti waqt li hi u l-imputata kienu qegħdin jaraw ir-rapport flimkien u kien hemm preżenti ukoll il-parte civile. Qalet *"ħa ngħidlek there was an instance fejn konna qegħdin naraw ir-rapport flimkien bħal ma qed ngħidlek li ġie li għamilna u f'mument partikulari meta r-rapport kien lest u Omissis għajtitlu qaltlu: Omissis ejja ħa tiffirmah u hu qallha: Iffirmali inti"* (fol. 186).

In kontro-eżami hija qalet li dan ir-rapport huma u ċioe l-persuni li jkunu addottaw jgħadduh lil Appoġġ u imbagħad dawn jittrasmettuh lill-awtoritajiet tal-Cambodia u ċioe l-pajjiż min fejn ikunu ġew addottati l-minuri.

**Peter Farrugia**, missier l-imputata qal li bintu u żewġha l-parte civile kienu kellmuh dwar xi taxxa żejda li kienu ħallsu fuq bejgħ ta' post. Qal li *"Hi ndunat illi kienu żammewlhom iż-żejjed u niftakar għidtilha: Ġib ha niċċekkjaħielek tini l-kuntratt u sibt li veru kienu ħallsu fuq elfejn Euro*

*(€2,000) sew u niftakar kien hemm ukoll ir-raġel tagħha dak il-ħin u qalli: Issa dawn x'nagħmlu, speċi nitilfuhom. Għidtlu: Le dana jekk inhu żball ġenwin ikteb lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn tgħidlu li sar żball, l-iktar jista jitlobkom il-kuntratt u tieħdu refund. U kif għidtilhom hekk niftakar dan ir-raġel tagħha qallha ...*" (fol. 189) "*Omissis, niftakar qallha: Mela hu ħsiebha din il-biċċa xogħol, hu ħsiebha inti u mexxi kif qed jgħidlek. Għax huma kienu ħasbu li jkellmu lin-nutar u mhix kwistjoni tan-nutar din*" (fol. 190). Sussegwentement l-imputata kienet qaltlu li kienet kitbet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u li kienu ħadu r-refund lura, u li dan ir-refund kien intbagħat maqsum f'żewġ ċekkijiet.

Fl-aħħar parti tax-xhieda tiegħu, fuq mistoqsija tad-difiża jekk kien hemm xi okkażżjonijiet oħra li huwa kien sema' lill-parte civile tgħid lill-imputata biex tieħu ħsieb hi l-affarijiet ix-xhud qal li "*In ġenerali huma kienu għamlu żmien jgħixu miegħi wara li biegħu dan il-post għamlu żmien jgħixu miegħi sakemm lestew il-post l-ieħor u niftakar illi sikwit wara li kellu dak jew inkella xi karti u speċi jitkellmu; isma dawn hu ħsiebhom inti, iffirma int. Dan kien jibgħata hu jiġifieri hu ma kien jagħmel xejn fejn jidħlu karti u dokumenti kien dejjem jimbotta lilha, jibgħat lilha*" (fol. 190).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputata jew akkuzata, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija

semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u analizi xjentifika u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis- sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzata tigi ddikjarata hatja, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

*Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[1]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[2] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm deskrepanzi fix-xhieda:

Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

---

[1] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[2] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

L-avukat tal-*parte civile* u l-prosekuzzjoni iddikjaraw fin-nota tagħhom taħt ir-rubrika numru ħamsa (5) intitolata "<u>Ir-riżultanzi fattwali</u>" li:

> *"... għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-intenzjonijiet tal-imputata kienu sabiex tagħmel xi gwadann, pekunjarju jew xort' oħra, tali intenzjoni ma rriżultatx mill-provi u għalhekk l-esponenti jissottomettu li r-reati ta' truffa u frodi nnominat kontemplati rispettivament fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultawx"* u

> *"Illi l-imputata ġiet akkużata b'diversi imputazzjoni ta' falsifikazzjoni, użu ta' dokumenti falsifikati u dikjarazzjonijiet foloz. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li dawn l-akkużi huma alternattivi għal xulxin. Jibda biex jingħad illi in kwantu l-falz riskontrat huwa wieħed materjali u mhux idejoloġiku, r-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali ma jista' qatt jirriżulta. Mill-akkuzi rimanenti, u*

*ċioe dawk kontemplati fl-artikoli 183, 184, 187 u 189 tal-istess Kodiċi, li kif ingħad huma alternattivi għal xulxin, dak li jattalja ruħu għal każ huwa l-artikolu 189 bil-konsegwenti esklużjoni tar-reati l-oħra".*

**Il-Qorti tinghaqqad mad-difensur tal-imputata, fejn fahhar dan il-pass tal-prosekuzzjoni u id-difensur tal-parte civile għal-lejalta tagħhom kemm lejn il-Qorti kif ukoll lejn il-proċess ġudizzjarju meta jaraw li l-ħin tal-Qorti ma jinħeliex fix-xejn, fuq punti ta' liġi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-każ.**

**<u>Il-hames imputazzjoni - l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali</u>**

Dan l-artikolu jghid hekk:

> *"Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impieg tieghu, il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena."*

Dan l-artikolu, li gie introdott fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att V ta' l-1956 (in sostituzzjoni ta' artikolu iehor), gie kemm-il darba interpretat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Jekk naraw l-emendi tal-Att V tas-sena 1956, filwaqt li l-artikolu tal-liġi qabel tali emendi kien jaqra hekk:

> *"**191.** For every other species of falsification not contemplated in the preceding articles of this Title, when committed by an officer or public functionary acting in abuse of his office or employment, the punishment shall be hard labour from seven months to one year; when committed by a private individual, the punishment shall be hard labour for a term not exceeding six months".*

Wara s-sostituzzjoni ġie jaqra hekk:

> *"**196**. Whosoever shall commit any other kind of forgery, or shall knowingly make use of any other forged document, not provided for in the preceding sections of this Title, shall be liable to imprisonment for a term not exceeding six months, and if he is a public officer or servant acting with abuse of his office or employment, he shall be punishable with imprisonment for a term from seven months to one year".*

Mela allura, is-sostituzzjoni li saret kien sabiex titbiddel id-diċitura eżistenti, mingħajr ma jitbiddel is-sustanza ta' dik l-istess diċitura, u żdied element ieħor u ċioe ix-xjenza. Għalhekk, għalkemm wieħed jista jgħid li dan l-artikolu tal-liġi ġie sostitwit, dan mhux neċessarjamen ifisser li s-sostituzzjoni ġabet fix-xejn dak kollu li kien ingħad fuq l-artikolu preċedentement.

Illum il-ġurnata, dan l-artikolu tal-liġi jaqra hekk:

**Każijiet oħra ta' falsifikazzjoni u użu ta' dokumenti foloz.**

Emendat: IX.1911.10. Sostitwit: V.1956.16

*"**189.** Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena*[3]*"*.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Riad Mabruk El Masri Hagi*** *(29.03.2004)*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet li sabiex tkun tista' tinstab htija ghar-reat kontemplat f'dan l-artikolu, iridu jissussistu zewg elementi: l-element materjali, li jikkonsisti semplicement fl-uzu ta' dokument falsifikat, u l-element formali, li tali uzu jkun sar xjentement, cioè li l-agent ikun jaf, jew li messu ragonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li d-dokument li kien qieghed juza kien falsifikat. L-uzu fil-ligi tal-kelma "xjentement" ifisser li l-prosekuzzjoni trid tipprova d-dolus b'evidenza addizzjonali soddisfacenti u mhux biss billi tipprova l-element materjali.

[3] L-artikolu oriġinali fil-Proklama I tal-1854 kien jaqra hekk: "*191. Per ogni altra specie di falsita', non preveduta negli articoli precedenti di questo titolo, commessa da ufficiali od impiegati pubblici, con abuso di ufficio od impiego, la pena sara' dei lavori forzati da sette mesi ad un anno: se commessa da privati, la pena sara' dei lavori forzati da quattro a sei mesi*".

*"Biex tista tinstab ħtija għar-reat addebitat lill-appellant, iridu jissussistu żewġ elementi: l-element materjali, li jikkonsisti sempliċement fl-użu ta' dokument falsifikat, u l-element formali, li tali użu jkun sar xjentement, ċioe li l-aġent ikun jaf, jew li messu raġonevolment fiċ-ċirkostanzi kien jaf, li d-dokument li kien qiegħed juża kien falsifikat. L-użu fil-liġi tal-kelma "xjentement" ifisser li l-prosekuzzjoni trid tipprova d-dolus b'evidenza addizzjonali soddisfaċenti u mhux biss billi tipprova l-element materjali"*[4].

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Pawlu Caruana*** *(29.08.1967),* il-Qorti Kriminali kienet qalet li l-artikolu 196 [illum 189] tal-Kodici Kriminali jaghmel reat il-fatt ta' min xjentement jaghmel uzu minn dokument falsifikat li ghalih l-imsemmi Kodici ma jkunx gjà pprovda fl-artikoli ta' qabel. Element essenzjali ghal dan ir-reat hija x-xjenza li d-dokument huwa falz da parti ta' min jaghmel uzu minnu.

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali id-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu (ara, **Antolisei, F.**, Manuale di diritto Penale - Parte Speciale II (Giuffre', Milano, 1986), p 604). Fi kliem **Manzini** (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku,*

[4] Ara ukoll f'dan ir-rigward Il-Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Awwissu, 2018 (App. Krim. Nru. 315/2017/CSH).

*ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta' (**Antolisei, F.**, op. cit., p. 594). S'intendi, b'ktiba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfa-betici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is- sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibli jew li jista' jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg -- karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc.".*

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alexander Zammit**[5] deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-27 ta' April 2016 meta qalet li:

*"10. Issa, ġie allegat li fuq l-inkartament Dok. IC4 kien hemm xi firem li ma kinux tas-sidien jew ta' min kien jiġġestixxi l-ħwienet, li xi ħwienet fil-fatt kienu magħluqin u li wħud mill-firem kienu jirreferu għal ismijiet jew numri ta' karta ta' identita` ineżistenti. Mela d-dokumenti in kwistjoni kienu dokumenti ġenwini iżda kienu allegatament jikkontjenu dikjarazzjonijiet inveritjeri. Jiġifieri hawn si*

[5] App. Krim. Nru. 239 / 2011/DS

*tratta ta' falz ideoloġiku. Konsegwentement la huwa applikabbli l-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, **Il-Pulizija v. Raphael Axiaq**, 30 ta' Diċembru 2009) u lanqas l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ara, per eżempju, **Il-Pulizija v. Paul Galea**, 17 ta' Ottubru 1997). Mela l-appellant ma setax jinstab ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u konsegwentement it-tieni aggravju tiegħu qiegħed jiġi milqugħ".*

Fil-kaz in dizamina ma hemm ebda kontestazzjoni li l-firma fuq id-dokument hija falza. Kif inghad, tali falsità tirrizulta kemm b'mod xjentifiku kif ukoll b'ammissjoni ta' l-istess imputata. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-element materjali tar-reat gie ppruvat.

**Ix-xjenza "*knowingly*"[6]**

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[7] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

*"It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of*

[6] Il-**Pulizija vs Anthony Agius** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Ottubru, 2017
[7] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make*

*it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[8]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was*

[8] Ibid. pg 449

*that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

Il-Qorti rat ir-referenza li saret mill-*parte civile* ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lino Scerri Tailor*** *(11.01.1979)* fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet cahdet appell ta' Scerri Tailor wara li kkonstatat li kien hemm l-intenzjoni min-naha tieghu li arbitrarjament u bla awtorità jiffalsifika l-firma ta' haddiehor f'ittra, b'mod li dan il-haddiehor jidher l-awtur tal-kontenut ta' l-istess ittra, b'menomazzjoni tad-dritt ta' dan u bil-potenzjalità inerenti fl-istess fatt ta' hsara u inkonvenjent personali – bi ksur ta' l-artikolu 189 [allura 196] tal-Kodici Kriminali.

Id-difiza ssostni li l-fattispecie tal-każ **Il-Pulizija vs Lino Scerri Tailor** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Jannar, 1979 ċitat mill-parte civile, huma totalment differenti mill-fattispecie tal-każ odjern.

Minn eżami taż-żewġ dokumenti li jinsabu a fol. 33 et seq u 37 et seq jidher biċ-ċar li dawn huma t-tnejn identiċi fil-kontenut tagħhom. Kull ma hemm differenti hija l-firma. Id-dokument li hemm eżebiet a fol. 33 et seq huwa iffirmat mill-parte civile u intbagħat il-Kambodja. Id-dokument l-ieħor li jinsab a fol. 37 et seq. ma ntbagħatx l-għaliex l-parte civile qal li l-firma ma kienitx tiegħu u allura kellhu jsir rapport ieħor.

L-imputata eżebiet ir-rapporti preċedenti li kienet għamlet hi għar-rigward tat-tifla. Il-firem fuq dawn ir-rapporti jinsabu a fol. 36 (dik oriġinali tal-parte civile) u a fol. 40, 165, 173 u 177 (dawk li l-imputata qalet li għamlet). Jiġifieri, hawn għadna sitwazzjoni fejn il-parte civile kien jaf b'dak li kienet qiegħda tagħmel martu u qatt ma sab oġġezzjoni għal istess. Jiġifieri, huwa konxjement kien qiegħed jaċċetta dak li kienet qiegħda tagħmel martu l-imputata u għalhekk kien jaf x'kien qiegħed isir. Imbagħad wara li nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni, huwa pprova juża din is-sitwazzjoni a vantaġġ tiegħu.

Fir-rigward ta' l-element formali, difficilment jista' jigi kontestat li x-xjenza rikjesta ghal dan ir-reat, u cioè l-konsapevolezza da parti ta' l-imputata li d-dokumenti kien falsifikat, effettivament jirrizulta ampjament mill-provi, anke jekk il-parte civile fil-passat kien jaccetta li jsir dan.

Id-difiza taghmel punt validu hafna dwar l-attegjament tal-parte civile:

*"Ħlief wara li nbdew il-proċeduri tas-separazzjoni tagħmel sens. Jiġifieri, ġaladarba l-imputata dejjem ħadet ħsieb il-karti hi, u ġaladarba l-parte civile dejjem kien jgħidilha sabiex tieħu ħsieb hi l-affarijiet u tiffirma għalih, u ġaladarba huwa ma wissiehx u ma qalilhiex li dak l-arrangament ma kienx għadu aktar validu, l-imputata ma kellhiex għalfejn taħseb li l-posizzjoni tbiddlet. Wara kollox, kif diġa ingħad, l-ammont ta' rifużjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni nqasam b'mod ugwali bejn tnejn (u hekk kienet it-talba fl-ittra indirizzata lil dan id-*

*Dipartiment) u l-ewwel u t-tieni rapport kienu u baqgħu identiċi salv għal fatt li l-ewwel wieħed kien iffirmat mill-imputata u t-tieni wieħed kien iffirmat mill-imputata u mill-parte civile allura l-imputata ma tistax tifhem l-għala din l-attitudni lejha minn żewġha. Huwa qatt ma qalla sabiex ma tibqax tiffirma għalih u kien biss wara li bagħtu għaliha l-pulizija li saret taf. Minn wara dak-in-nhar ovvjament, ġaladarba l-kunsens ta' żewġha l-parte civile biex hi tiffirma f'ismu kien ġie rtirat, allura ma baqgħetx tagħmel hekk. Kienet tkun differenti l-istorja kieku hija kienet taf u iffirmat dawn id-dokumentazzjoni wara li l-kunsens tal-parte civile kien ġie rtirat u l-intenzjoni tiegħu magħrufa lilha."*

Izda jibqa' l-fatt li Jirrizulta mill-provi li l-imputata bla awtorità ffalsifikat il-firma ta' Omissis f'zewg dokumenti, b'mod li Omissis deher li kien l-awtur tal-kontenut ta' dawn id-dokumenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-*

*kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

Il-partijiet ghandhom ipoggu rashom fuq ghonqhom, jaraw id-differenzi ta' bejnithom u zgur li m'ghandhomx taht l-ebda cirkostanzi jippruvaw jiskurjaw xi punt fl-awli tal-Qorti. Il-partijiet huma adulti, responsabbli ghall-interessi taghhom u jista' jkollhom kwistjonijiet kemm iriduizda qatt m'ghandhom juzaw il-Qratu biex iweggghu parti jew ohra. Dan huwa sinjal ta' irresponsabbilta kbira li jwassal il-Qorti ghal konkluzzjoni illi kull ma jimpurtahom il-partijiet, huma l-interessi personali taghhom u mhux tal-wild li ghandhom.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel (1), tieni (2), tielet (3), raba' (4) u sitt (6) imputazzjoni u minnhom tilliberha u wara illi rat l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taqta' u tiddeciedi illi ssib lill-imputata hatja tal-hames (5) imputazzjoni migjuba kontriha u peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux spedjenti li timponi piena kontra taghha, wara li rat l-Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-hatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi zmien sena millum.

---

[9] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma emanat dan l-ordni hija fissret lill-ħatja, bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat originali.

Il-Qorti tordna divjet ta' publikazzjoni tal-ismijiet tal-partijiet.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**